MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2010

Numru 261/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt. Antonello Grech)**
**Vs**
**John Vella**

**Illum 5 ta' Settembru, 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fis-6 ta' Novembru, 1998 ghall-habta tas-1.00 p.m. fi Triq il-Kastell, Victoria, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAD 802, b'manjiera perikoluza u traskurata;
2. fl-istess data, lok u hin, volontarjament minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Richard Ellis kif iccertifika Dr. Joseph Farrugia MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

3. fl-istess data, lok u hin hekk ghal Richard Ellis;
4. fl-istess data, lok u hin kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bi glied;
5. fl-istess data, lok u hin bhala driver ta' vettura bil-mutur naqas milli jieqaf wara li sar accident b'vettura bil-mutur, bi ksur tal-artikolu 67 tal-A.L. 128 tal-1994.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 15 u 18 Kap. 65, A.L. 128/1994 u 18, 214, 215, 216, 218, 339(3)(b) u 338(bb) Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) fuq l-ewwel u t-tieni akkuza u ammenda ta' €58 fuq it-tielet, ir-raba` u l-hames akkuza.
Skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena wara li jiskonta l-piena fuq inflitta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati tal-hames imputazzjonijiet lilu addebitati u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena jew alternattivament tvarja u tirriforma l-istess sentenza billi ssibu hati tar-reat minuri kompriz u nvolut fit-tieni imputazzjoni ossia li involontarjament ikkaguna griehi gravi fit-termini tal-artikolu 216 u/jew, fl-eventwalita` li ma tilqax l-aggravju dwar il-mertu, tirriforma u tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament erronju tal-provi u tar-rizultanzi processwali b'mod illi konsegwentement dan wassal anki ghal enuncazzjoni zbaljata tal-ligi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess jigi rilevat ukoll li l-feriti riskontrati minn Richard Ellis ma jinkwadrawx fl-artikolu 218 izda fl-artikolu 216, ghalkemm jidher li ghall-Ewwel Qorti ma hemm ebda differenza bejn dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi stante li kemm l-artikolu 216 kif ukoll l-artikolu 218 gew ikkwotati mill-istess Qorti bhala d-disposizzjonijiet li a bazi taghhom qed issib il-htija;
3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess u fl-eventwalita` li l-appell fil-mertu ma jigix akkolt, il-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva.

Ikkunsidrat :

Qabel ma’ l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu trid tafferma l-principju illi hu stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. “..... l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell huwa bbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk hemm verzjonijiet kontradittorji – kfi normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat .......”
(Ir-Repubblika ta’ Malta vs Ivan Gatt App. Krim. 01-12.1994).

Jinghad mill-bidu nett illi f’din il-kawza hemm verzjonijiet kontraditorji, pero` l-Qorti se tezamina l-provi, taghmel apprezzament approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi li fis-6 ta' Novembru, 1998 l-appellant John Vella u Richard Ellis kellhom kawza civili l-Qorti ta' Ghawdex, fejn l-appellant talab ghal hrug ta' mandat sabiex iwaqqaf lil Richard Ellis milli jaghmel xi xogholijiet fil-"pool" illi dwarha kien hemm kontroversja bejn il-partijiet dwar il-hlas. Sar ftehim billi Richard Ellis ma jaghmilx xogholijiet sakemm jigi l-perit u jkejjel ix-xogholijiet illi saru mill-appellant. Dan jghid li kien sodisfatt b'dan l-ezitu, u kemm hu kif ukoll Richard Ellis bdew it-triq taghhom lura lejn id-djar rispettivi taghhom. Ellis fuq mutur tat-tip "Bob" u l-appellant fil-karozza tieghu. Huma u niezlin it-telgha tal-kastell, Ellis kien fuq quddiem u l-appellant fuq wara. Meta daru l-ewwel liwja sar incident, fejn Ellis gie imbuttat bil-mutur tieghu, twaqqa` ma' l-art u sofra ksur f'idejh.

Ellis allega illi gie imbuttat ma' l-art apposta b'mod volontarju u addebita lill-appellant b'feriti gravi volontarji li l-appellant qieghed jinnega u jinsisti illi dan kien purament incident tat-traffiku u ma kien hemm xejn volontarju fl-agir tieghu.

L-appellant pero` gie mixli zewg tipi ta' akkuzi principali, wahda ta' natura kolpuza, li saq b'manjiera perikoluza u traskurata u l-ohra ta' natura doluza dik illi volontarjament ikkaguna feriti gravi lil Richard Ellis. Dana oltre akkuzi minuri ta' natura kontravenzjonali u ohra aktar serja li naqas milli jieqaf wara li sar accident b'vettura bil-mutur.

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-26 ta' Mejju, 2010 l-appellant gie misjub hati tal-imputazzjonijiet dedotti kollha kontrih u kkundannat ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn kif ukoll ammenda ta' €58.

Fl-appell id-difiza argumentat illi saret interpretazzjoni hazina tal-ligi u tal-fatti, principalment illi ma saritx differenza mill-Ewwel Qorti bejn l-ewwel zewg imputazzjonijiet dik ta' natura kolpuza u t-tieni ta' natura doluza. Ghamlet referenza ghal diversi cirkostanzi fattwali illi gew interpretati hazin mill-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat :

Filwaqt illi din il-Qorti taqbel illi hemm differenza kbira ghal dik li tirrigwarda l-intenzjoni bejn l-ewwel u t-tieni akkuzi, illi ma jistghux jigu kkunsidrati flimkien, din il-Qorti sejra tifli l-provi kif ukoll l-argumenti tal-Ewwel Qorti u tara sa fejn dawn kienu ragjonevoli sabiex iwasslu ghall-htija lamentata mill-appellant.

Ma hemmx dubju illi l-Ewwel Qorti strahet hafna fuq il-verzjoni moghtija minn Richard Ellis u in sostenn ta' dan ikkwotat diversi xhieda inkluzi dak ta' Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani kif ukoll xhieda cirkostanzjali bhal lis-skits redatt mill-Pulizija wara l-incident.

Fil-fatt l-Ewwel Qorti rrimarkat illi Richard Ellis gie imbuttat disa` metri u nofs 'il quddiem mid-daqqa illi tah l-appellant u dan flimkien mal-"brake marks" "hi evidenza inekwivoka illi l-imputat proprju f'dak il-hin kien qed isuq bi "speed" jew hareg bis-sahha u kellu jzomm il-vettura tieghu milli tipprocedi billi ghafas il-"brake" u dan kollu meta kien qieghed jipprocedi ghan-nizla u zgur li ma kellux ghalfejn isuq bi "speed"." (ara sentenza Qorti tal-Magistrati 26-05-2010).

Din il-Qorti ma taqbilx illi dawn id-distanzi huma evidenza inekwivoka illi l-imputat dak il-hin kien qed isuq bi "speed" eccessiv.

Kif tajjeb irrikonoxxiet l-Ewwel Qorti l-incident sar f'nizla, izda ma kkummentat xejn dwar it-tip ta' nizla partikolari. It-telgha tal-kastell, kif inhi maghrufa f'Ghawdex, fiha wahda mill-ghola "gradients" illi tista` ssib fil-gzira ta' Ghawdex, fejn allura d-distanzi normalment ikkalkulati fil-wita` jridu jirrdupjaw jew addirittura jittriplaw. Ghalhekk mhu xejn stramb illi daqqa zghira jew imbottatura f'dik in-nizla twassal ghal dawk id-distanzi rapurtati fl-iskits. Incident zghir fil-wita` fejn jipproduci qisin qosra jista` jipproduci distanzi jew qisin twal f'"gradient" iebsa bhal ma hi dik tat-telgha tal-kastell.

Ghalhekk din il-Qorti ma tikkunsidrax dawk id-distanzi ripurtati bhala evidenza inekwivoka illi l-appellant kien qed isuq bi "speed" qawwi.

L-Ewwel Qorti strahet ukoll fuq ix-xiehda tal-Avukat Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani u ddiskrivietu bhala xhud indipendenti fejn qalet “qal li dak inhar kien niezel mill-Qorti u ra mutur jittajjar minn karozza. L-imputat hareg mill-vettura tieghu, mar fuq il-kwerelant u refghu mill-art u rah ittieh ghal darbtejn.”

Bir-rispett, imkien ma rrizulta mill-atti illi Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani ra lill-appellant jaghti ghal darbtejn xi daqqiet lil Richard Ellis.

Fil-fatt jekk wiehed jezamina x-xiehda tal-Avukat Martin Testaferrata a fol. 25 jibda biex jghid illi kien fuq quddiem niezel bil-karozza, sema` tisbita u ra karozza tolqot “motorcycle”. Ma waqafx u baqa` niezel, ittawwal lura u ra lil Ellis ma l-art. Ra lill-appellant jerfa` lil Ellis mill-art ..... u ra lil Ellis jagixxi <u>qisu</u> qed jaqla` daqqa ........darbtejn. L-imputat dahal fil-karozza tieghu u saq izda l-Avukat Martin Testaferrata imblukkalu t-triq. Meta ra lill-imputat hiereg mill-karozza <u>ssopona</u> li kien ser johrog biex jassistih, izda <u>deherlu</u> li tah daqqa (sottolinear tal-Qorti). Kontro ezaminat jghid kif saret id-daqqa u ra biss lil Ellis jagixxi ghad-daqqa fis-sens li jmur lura. Jghid li l-incident kien quddiemu wara l-“blind corner”, sema` d-daqqa u ra l-elmu jaqa` ma’ l-art. Ghadda minn mal-karozza u l-“motorcylce” u waqaf aktar l-isfel. L-imputat qallu li kien se jcempel l-ambulanza izda l-Avukat ma emnux. Lill-partijiet ma kellimhomx izda baqa` isfel u jzomm id-distanza. Ikkonferma li n-natura tad-daqqa ma rahiex.

Kwindi minn din id-deposizzjoni ma tistax tikkonkludi illi l-Avukat effettivament ra lill-appellant jaghti xi daqqa jew tnejn lil Richard Ellis u kliem bhal “qisu” “issopona” u “deherlu” mhumiex konklussivi u ma jistghux iwasslu ghal dak il-grad minghajr dubju dettat mir-raguni illi effettivament l-appellant agredixxa lil Richard Ellis proprju dak il-hin wara l-incident.

Kwindi ghal dak li jirrigwarda d-dolo l-prova cirkostanzjali, dik ta’ l-iskits u n-natura ta’ l-incident, ma twassalx ghall-konkluzzjoni univoka illi kien hemm xi intenzjoni jew

volontarjeta da parti tal-appellant biex jikkawza griehi gravi fuq Richard Ellis u lanqas ma tista` tasal ghal din il-konkluzzjoni permezz tax-xiehda indipendenti tal-Avukat Martin Testaferrata, li bhal ma ghidna, hija pjuttost nebuluza u ma jistax ikun car u unekwivoku f'dak illi ra.

Ghalhekk jifdal ix-xiehda tal-appellant u dik ta' Richard Ellis. Dan ta' l-ahhar isemmi l-kwistjoni tal-mandat civili illi kellu mal-appellant il-Qorti qabel l-incident u kif l-appellant rebah dan il-mandat. Isemmi illi huwa u niezel bil-mutur "Bob" illi juza rarament "f'daqqa wahda nisma` karozza hrug warajja u taghtini daqqa u ttajjarni hamsa u tletin pied ........ Hareg ghalija, tani daqqa ta' sieq fil-kustilji u daqqa ta' sieq f'idejja." Isemmi twerzieq ta' "tyres" u rejzjar ta' karozza ghal warajja. Ma harisx lura u dak il-hin ma kienx jaf min tah id-daqqa. Kiser idejh kawza tal-incident u t-tisbita li ha mal-art u meta avvicinah l-appellant u tah id-daqtejn ta' sieq "qallu issa ejja iggieled mieghi."

Minn naha l-ohra l-appellant ukoll isemmi din il-kawza illi kellhom bejniethom u li minnha hareg kuntent. Kien niezel in-nizla, dar il-lilwa u ra mutur quddiemu. Ghafas il-"brake" pero` il-karozza skidjat kemm ukoll ghaliex kienet ghamlet ix-xita filghodu. Jaf illi tajjar il-persuna illi kien hemm fuq il-mutur. Hareg mill-karozza u kien hawnhekk illi induna illi kien Richard Ellis. Dan ta' l-ahhar kien agressiv mieghu u xejjer il-"crash helmet" u imbuttah. Vera illi dak il-hin ried jitlaq minn fuq il-post biex imur ghand il-Pulizija u jsejjah l-ambulanza, izda kien imwaqqaf minn karozza li kienet ipparkjata fin-nofs, liema karozza kienet tal-Avukat Martin Testaferrata. Innega illi ghamilha apposta u insista illi dana kien incident tat-traffiku.

Il-verzjoni illi ta fl-istqarrija giet sostanzjalment ikkorroborata bil-verzjoni illi ta quddiem il-Qorti, anki fil-kontro ezami twil u sserrat illi ghamillu l-mibki avukat Michael Grech ghan-nom ta' Richard Ellis.

Veru illi quddiem il-Qorti l-appellant innega li huwa imbotta lil Richard Ellis, pero` mill-bqija zamm l-istess verzjoni u

kompla insista li dana kien incident tat-traffiku bl-ebda konnatazzjonijiet jew konsegwenzi ohra.
Ikkunsidrat :

L-Ewwel Qorti ghazlet illi temmen il-verzjoni moghtija minn Richard Ellis principalment fuq ir-rizultanzi tal-iskecc u x-xhieda ta' Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani.

Kif gja nghad, din il-Qorti ma taqbilx illi dawn iz-zewg elementi ta' prova huma daqshekk konvincenti illi jwasslu biex ixaqleb il-bilanc favur Richard Ellis, fejn allura jgibna fis-sitwazzjoni klassika ta' konflitt ta' provi bejn il-verzjoni moghtija mill-appellant u dik moghtija minn Richard Ellis.

Fil-kawza "Il-Pulizija vs Joseph Thorne" Appell Kriminali 09-07-2003 il-Qorti qalet *"......mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix se temnu jew ma temnux."* (ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et. 19-10-2006).

L-artikolu 637 tal-Kap. 9 jaghti linji gwida f'min ghandu d-deskrizzjoni li jiggudika l-fatti, illi jara l-imgieba, kondotta u karattru ta' xhud illi jkun effettivament qed jaghti deposizzjoni quddiem dik il-persuna illi ghandha tiggudika.

Din il-Qorti mhihix f'dik il-posizzjoni ghax il-persuni li taw id-deposizzjoni taghhom xehdu quddiem l-Ewwel Qorti u mhux quddiem il-Qorti tal-Appell u ghalhekk ir-riluttanza ta' din il-Qorti illi tiddisturba apprezzament ta' provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dina kellha quddiemha x-xhieda viva voce. Izda darba gew mes in dubju dawk iz-zewg elementi ta' provi illi kienu daqshekk determinanti ghall-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni <u>minghajr dubju dettat mir-raguni</u> illi l-element intenzjonali ghad-dolo b'referenza ghat-tieni akkuza gie sodisfacentement ippruvat, ghad li l-Qorti lesta tikkoncedi li l-provi jwasslu sal grad ta' probabilita` u cioe` li l-incident probabilment gara kif qal Richard Ellis izda, dan il-grad

mhux bizzejjed fil-kriminal u ma tistax torbot fuqu biex issib htija. Ghalhekk, din il-Qorti, bir-rispett, ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti fejn sabet htija dwar it-tieni akkuza.

Konsegwentement lanqas ma tista` ssibu hati tat-tielet u r-raba` akkuzi. Ghalhekk jifdal l-ewwel akkuza illi saq b'manjiera perikoluza u traskurata u l-hames akkuza talli naqas milli jieqaf wara li sar incident tat-traffiku.

Ikkunsidat :

Fil-kawza "Il-Pulizija vs Gunner Brian Wilson" Appell Kriminali 07-05-1955 il-Qorti qalet *"it is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the border line cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where that difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sence that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara wkoll "Il-Pulizija vs Emanuel Mallia" 09-03-1959, "Il-Pulizija vs Charles Bartolo" 14-03-1959, "Il-Pulizija vs Francis X. Aquilina" 09-08-2007).

L-incident sar f'cirkostanzi stretti hafna. Fis-siegha ta' wara nofs inhar meta tkun qed tispicca seduta tal-Qorti jkun hemm hafna nies u vetturi niezlin l-isfel biex imorru lura lejn Victoria jew id-dar. Vetturi pparkjati fil-parkeggi awtorizzati u anki fit-triq illi jkomplu jostakulaw u jaghmlu difficli l-perkors f'dik il-parti tat-triq.

L-appellant hareg mill-parkegg u beda niezel fid-direzzjoni tat-Tokk. Dar il-kantuniera u jghid illi sab lil Ellis ma' wiccu. Din il-kantuniera jew lilwa hija deskritta bhala "blind corner", izda din il-Qorti, li hija familjari hafna ma' dik il-parti tat-triq, ma jidhirlix li dik il-lilwa tista` tissejjah bhala "blind corner". Il-hajt huwa baxx hafna, mhux iktar

minn tlett filati u kemm karozza kif ukoll persuna bil-mixi jew fuq mutur hija vizibbli ghal min ikun qieghed jinnegozja dik il-lilwa.

Ghalhekk ghall-appellant ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala ma kellux jara lil Richard Ellis fuq il-mutur xi distanza quddiemu u ma jistax jinheba wara l-iskuza ta' "blind corner" illi ma rax dak illi kellu jara jew li kien "in plain view".

Ma hemmx dubju illi hawnhekk hawn kaz ta' nuqqas ta' "proper look out" da parti tal-appellant, fejn, mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari, l-ammont ta' nies, traffiku, u wkoll il-kondizzjoni tat-triq illi kienet xi ftit imxarba wara xita li kienet ghamlet dak inhar filghodu, kien jinkombi fuqu attenzjoni specjali biex ma jigix sorpriz b'xi haga li seta` facilment jissoponi li se jsir.

Din il-Qorti ma jidhirlix li kien hemm xi kaz ta' sewqan esagerat. It-triq ma tippermettix li jkun hemm xi sewqan specjali u trid jew ma tridx bil-fors trid isuq bil-mod, u ghalhekk ma jidhirlix li jirrizultaw l-estremi tal-perikolozita` izda jirrizulta sewqan traskurat.

Ghal dak li jirrigwarda l-hames akkuza, *ex admissis*, l-appellant qal illi wara l-incident huwa pprova jcaqlaq il-karozza tieghu minn fuq il-post biex isejjah il-Pulizija u l-ambulanza.

Il-Qorti jidhrilha illi dina hija skuza fjakka, jista` jkun li ghamel hekk bil-paniku li kellu, pero` zgur illi kien fi ksur tal-artikolu 67 tal-Avviz Legali 128/1994 u l-hames akkuza ghalhekk tirrizulta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell in parti, ssib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza b'dana illi s-sewqan tieghu jigi kwalifikat bhala traskurat, ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni kif esposta izda ssibu hati tar-reat minuri kompriz u involut fl-istess t-tieni imputazzjoni li nvolontarjament ikkaguna griehi gravi fit-termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali u ssibu hati tal-hames akkuza w cioe` dik illi bhala "driver" ta' vettura bil-

mutur naqas milli jieqaf wara li sar accident b'vettura. Tirriforma w tvarja l-istess sentenza ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn tirrevoka l-piena karcerarja w minflok tikkundanna lill-appellant illi jhallas multa ta' hames mitt Ewro (€500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------